MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 1514/2010

**Andrew Bugeja, Maria Galea, Ivan Saliba,**
**Claudine Tabone, Stephanie Spiteri, Jonathan Vassallo,**
**Stephan Axiaq, James Vella, Joseph Micallef u Mark Spiteri**
**Vs**
**Travel Limited u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar is-26 ta' Jannar, 2011 l-isem tas-Socjeta' konvenuta gie sostitwit bil-kliem "Bugeja M. Travel Limited".**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew li huma kienu qeghdin jitolbu li dan it-Tribunal jikkundanna lis-Socjeta konvenuta thallashom is-somma ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200) u dan wara li huma kienu xtraw *weekend break holiday* minghand is-socjeta' attrici fil-*weekend* 22-25 ta' Lulju, 2010 gewwa Giardini Naxos, Sqallija, liema pakkett ta' vaganza ma kienx skont il-kwalita' pattwita b'mod partikulari ghal dak kollu li kellu x'jaqsam ma l-akkomoddazzjoni fil-lukanda, apparti telf

t'*excursions*; l-atturi jridu rifuzjoni tal-ispejjez bl-imghax u bl-ispejjez ta' din l-istanza.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ppremettiet illi preliminarjament, l-isem tal-eccipjenti mhuwiex Travel Limited imma 'Bugeja M. Travel Ltd' (C-25781); fil-mertu, t-talba hija guridikament inammissibli billi l-kuntrattazzjoni mal-eccepjenit ma kinetx bejgh; bla pregudizzju, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u l-eccepjenti m'ghandha thallashom xejn; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavits ta' Andrew Bugeja, James Vella, Claudine Tabone, Jonathan Vassallo, Maria Galea, Mark Spiteri u Ivan Saliba.

Ra l-affidavits ta' Stephen Axaiq u Joseph Micallef u l-affidavit ta' Marthese Bugeja in rapprezentanza ta' Bugeja M. Travel Limited.

Sema' x-xhieda ta' Stephanie Spiteri, Emanuel Cutajar u Andrew Bugeja;

Sema' x-xhieda ta' Maria Galea u Mark Spiteri, Jonathan Vassallo, Stephen Axiaq, Joseph Micallef, Ivan Saliba, James Vella, u Claudine Tabone in kontro-ezami;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet u ra il- verba tal-10 ta' Mejju, 2012 fejn it-talba giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta Settembru 2012.

**Ikkunsidra:**

Illi f'din il-kawza l-atturi qeghdin jitlobu rifuzjoni tal-ispejjez taghhom ghal-hlas ta' pakkett ta' vaganza li ma kinitx tal-kwalita' pattwita.

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenti:

Illi l-atturi kienu iddecidew li jmorru vjagg Sqallija skont *brochure* li kienu raw. Dan il-*brochure* kien ta' M. Bugeja

Travel Limited. Il-vaganza kienet tikkonsisti f'erba' t'ijiem gewwa Gardini Naxos bejn it-22 ta' Lulju sal-25 ta' Lulju, bi vjagg bil-katamaran minn Malta sa Pozallo u transport minn Pozallo ghal-*hotel.* Il-hotel kellu jkun ta' 3 jew 4 stillel fic-centru ta' Gardini Naxos. L-akkomadazzjoni kellu jkun *half board*. Kien hemm eskursjoniet kuljum li kienu mhallsin minn qabel. (ara Dok SS1 a folio 19 tal-process).

**Stefania Spiteri** xehdet fis-seduta tas-26 ta Jannar 2011, illi il-*booking* kien sar f'Mejju u hallsu kollox minn qabel. Il-kmamar doppji kienu tal-valur ta' €320 u t-tripli kienu €317. Kienu grupp ta' ghaxra. Illi skont ix-xhud il-problemi bdew fl-ewwel gurnata, filghaxija, wara li dahlu mill-ewwel eskursjoni u kienu marru l-hotel. Il-*hotel* skont ix-xhud ma kienetx dik li kienu bbukjaw, li kien il-Hotel Archipelago (3 stillel) f'Gardini Naxos. Fil-fatt kienu haduhom fil-hotel Del Sole gewwa Gardini Naxos li kien ukoll 3 stillel. L-ilment kien ghalhekk li l-*hotel* ma kienx dak li kienu ftehmu mal-agenzija, l-kmamar kienu skomdi, ma kienux fl-istess sular u li kienu zghar hafna. Ghalhekk l-atturi, skont ix-xhud, dak il-hin stess, nizlu ir-*reception* biex jilmentaw. Marthese Bugeja kienet ippruvat li tehodhom fil-*hotel* li riedu huma imma pero' kienu saru jafu illi l-*airconditioning* ma kienx qed jahdem u ghalhekk irrifjutaw li jmorru. Kienu marru lura l-*hotel* Del sole izda il-kmammar kienu lahqu nbieghu lit-terzi. Ghalhekk sabitilhom akkomodazzjoni ohra gewwa *hotel* bi 3 stillel. Fit-tielet jum tal-vaganzi taghom wara gurnata barra sabu l-bagaliji taghhom kollha fir-*reception* ippakjati minn terzi u l-affarijiet li kellhom gewwa is-*safe* tal-kamra taghhom gewwa boroz tal-plastik. Kien hemm tahwid fil-hwejjeg u sahansitra mobajl nieqes li sabuh f'*safe* wara li kienu marru ifittxuh, (ara dokument AB 3 sa 6 a folio 44 ipprezentati minn Andrew Bugeja fix-xhieda tieghu). Illi wara saru jafu li kienu bbukjati gewwa dan il-*hotel* tal-ahhar ghal jumejn biss. Fl-ahhar spiccaw f'hotel ohra, Hotel Elizeo, li ma kienx faccata tal-bahar u ma kellux lift. Ix-xhud tghid li ma kinitx infurmata kemm il-stilla kellha, illi pero' l-kmamar kellhom shower u kamra tal-banju. Kien hdejn *railway* u ma kellhiex *buffet breakfast*. Illi fl-ahhar tal-vaganza kellhom jitilqu kmieni u marru biss Acireale izda l-postijiet l-ohrajn ma marrux.

**Andrew Bugeja** (fl-affidavit tieghu a folio 32 tal-process) ddikjara li kienu hu u Mark Spiteri li kienu wzaw l-agenzija qabel fl-istess post u ma kellhomx fuq x'hiex jilmentaw. Ghalhekk kien hu li organizza l-vaganza. Hu ddikjara li kien mar l-agenzija wahdu u kien tkellem ma' Marthese Bugeja direttament. Kien talabha sabiex taghtih prezz ta' vjagg bil-katamaran, hotel 3 jew 4 stillel, *half board* u eskursjonijiet kollox kompriz. Skont Andrew Bugeja hu dakinhar kien tkellem ma' Marthese Bugeja u kienet wrietu brochure tal-Hotel Archipeleago f'Giardini Naxos (ara dok SS3 a folio 34 tal-process) pero' kienet infurmatu illi x'aktarx il-*piscina* f'dan il-*brochure* ma kienetx ser tkun lesta. Ix-xhud jghid illi hu kien tkellem ma' hbiebu u kienu ddecidew li xorta wahda riedu imorru dan il-*hotel* u ghalhekk kien ftiehem ma' Marthese Bugeja li jmorru f'dan il-*hotel*. Pero' dan kien ftehim verbali. Kienu ibbukjaw u hallsu kollox minn qabel. Ghall-ewwel kienu tmienja minnhom u mbaghad kienu thajru tnejn ohra li marru hallsuha ghar-rashom. Fl-affidavit tieghu Andrew Bugeja ikkonferma dak li xehdet Stephanie Spiteri.

**Emanuel Spiteri** kkonferma bil-gurament li ghalkemm ma kienx mar ma' hbiebu kien hu li kien ha il-pagament ghall-vaganza. Hu ddikjara illi Andrew Bugeja kien tah *brochure* tal-lukanda Archipelago u kien ftiehem ma' Marthese Bugeja li l-atturi kellhom joqghodu f'din il-lukanda. Hu ddikjara illi Marthese Bugeja qaltlu illi dak il-*hotel* kien riservat.

L-atturi l-ohrajn ikkonfermaw dak li nqtal minn Stefania Spietri u Andrew Bugeja. Irrizulta ukoll li kien hemm diversi ilmenti ohra cioe' li l-kmamar tas-sodda kienu zghar wisq, li kellhom jimxu ghal-*hotel* taghhom bil-bagalji, li ma kellhomx *lift* fit-tielet hotel, li l-eskursjonijiet gew invertiti u li l-kowc gie tard. Il-verzjoni tal-ewwel xhud giet konfermata mill-atturi l-ohra kollha. Iddikjaraw li it-*tour leader* taghhom kienet Rose li kienet qieghda tikkomunika ma' Marthese Bugeja dwar il-problemi li nqalghu. Illi wkoll skont ix-xhieda, Marthese Bugeja ma wegbitx it-telefon meta bdew icemplulha bl-ilmenti taghhom .

Min-naha taghha **Marthese Bugeja** in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta iddikjarat (a kuntraju ta' dak li ntqal minn Andrew Bugeja) illi hi kienet infurmat lill-Andrew Bugeja li l-hotel *kienet* ser tinbidel ghaliex il-*pool* ma kienx ser jkun lest u li kienet ser tibaghthom fil-Hotel Del sole u li ukoll kienet wriethom *brochure* ta' din il-lukanda. Illi ukoll kienet infurmathom illi il-lukanda Spoty Baia kienet ibbukjata ghall-jumejn biss illi pero' xorta wahda dawn hallew l-affarijiet taghhom fil-kmamar. Illi t-Tribunal jinnota li s-socjeta' konvenuta ma hassitx il-htiega li tressaq lit-*tour leader*, Rose, biex tikorrabora dak li nqtal minn Marthese Bugeja jew biex tghid il-fatti kif esperjenzathom hi.

L-ewwel eccezzjoni mqanqla mis-socjeta' konvenuta kienet li t-talba hija guridikament inammissibli billi l-kuntrattazzjoni ma kinitx ta' bejgh. Illi f'dan il-kaz it-Tribunal jaqbel illi x-xiri ta' pakkett tal-ivjaggar huwa ghas-servizz u mhux bejgh. Illi pero' f'dan il-kaz it-Tribunal ihoss illi ghakemm l-avviz kif miktub mill-atturi kien infelici u forsi kien ahjar illi t-talba kienet wahda ghad-danni minhabba inadempjenza da parti tas-Socjeta' konvenuta pero' xorta wahda l-ezitu kien jkun l-istess ghaliex id-danni huma rimbors tal-ispejjez lill-atturi. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi ma jkunx qed jkun gust jekk jikkonkludi illi it-talba m'ghandhiex tkun ammissibli.

Illi fil-fatt hemm legislazzjoni sussidjarja li tiregola dan is-servizz provdut mill-agenzija w il-kuntratt. Ara l-Avviz Legali 157 tal-2007 Legislazzjoni Sussidjarja 409.01 li tirregola dawn it-tip ta' kuntratti.

Illi l-ligi sussidjarja – A.L. 157 ta' 2007 jipprovdi regoli dwar dan it-tip ta' safar u cioe' dwar kif ghandu jkun il-kontenut tal-*brochure,* (ara artiklu 5.1). Ir-regoli jghidu illi meta jinxtara pakkett bhal fil-kaz odjern ghandu jsir kuntratt bejn il-partjiet . Illi pero' ma sarx kuntratt bil-miktub izda jidher illi kien hemm ftehim verbali fejn l-atturi accettaw il-kontenut tal-*brochure*. Illi kien hemm kunflitt fil-verzjonijiet tal-partjiet dwar il-ftehim dwar il-lukanda. Illi juri illi kien hemm ftehim fuq il-lukanda Archipelago u fil-fatt Andrew Bugeja kellu fil-pusses tieghu anke *brochure*

tal-Hotel Archieplago. Min-naha Andrew Bugeja jghid illi kkonferma l-lukanda minkejja li l-*piscina* ma kinitx lesta u min-naha l-ohra Marthese Bugeja li tghid li minhabba dan ma ibbukjatx din il-lukanda. In vista tas-suespost it-Tribunal ihoss li ghandu jemmen il-verzjoni tal-atturi u anke minhabba l-fatt illi s-socjeta konvenuta kellha skont il-ligi taghmel kuntratt fejn tindika d-dettalji tal-ftehim. Ghaldaqstant fil-fehma tat-Tribunal s-socjeta' konvenuta naqset meta ma ibbukjatx il-lukanda maghzula mill-atturi u kieku informat lill-atturi li kienet ibbukjat *hotel* ohra minflok, din il-kawza setghet tigi evitata.

Illi min-naha l-ohra pero' t-Tribunal ihoss illi l-atturi setghu jagixxu b'mod aktar responsabbli u cioe' li ma jitilqux mill-lukanda li kellhom minghajr ma kellhom soluzzjoni ohra. Illi jidher illi r-raprezentanta tas-socjeta' konvenuta ppruvat issib soluzzjoni ohra f'lukanda ta' tlett stillel bhalma kien l-obbligu taghha imma pero' s-soluzzjoni ma kinitx wahda tajba u s-sitwazzjoni marret ghall-aghar specjalment kif svolgew l-affarijiet.

Illi fir-rigward tal-eskursjonjiet u l-fatt illi l-vaganza intemmet qabel huma dettalji ohra li forsi f'cirkostanzi ohrajn wiehed jittollera imma pero' meta tkun fuq vaganza minghajr akkomodazzjoni certa, kollox ma' kollox wiehed jista' japprezza ghaliex l-atturi hassew illi kellhom jaghmlu din il-kawza.

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta ghamlet arrangamenti ohrajn is-sitwazzjoni xorta ma kienitx wahda felici u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi kien hemm nuqqasijiet serji da parti tas-socjeta' konvenuta li ghandha terfa' r-responsabilita' ghalihom.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi in parte u jordna lis-socjeta' intimata *in solidum* thallas l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) bl-imghax jithallas mid-data tal-Avviz sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------